MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2007

Mandat Numru. 624/2007/1

**Maltawide Properties Ltd (C1832)**

**vs**

**(1) Anthony Bileci,**
**(2) Paul Joseph Gauci,**
**(3) Adrian Zammit,**
**(4) Quayside Properties Ltd. Reg. No. C36276**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti u affidavit kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Ikkunsidrat li skond l-Art. 873 tal-Kap. 12:

(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. u

(2) Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta, li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ir-rikorrenti odjern irid izomm lill-intimati milli jidhlu u jaghmlu xoghol ta` kostruzzjoni fi hwejjgu. F`dan il-kuntest il-Qorti hija sodisfatta li prima facie huwa jgawdi dritt ta` proprjeta` fuq il-fond imsemmi, cioe` 83/3 The Strand, Sliema.

L-intimati jikkontendu li dan ix-xoghol huwa necessarju biex jigu evitati danni u perikoli sussegwenti ghal xoghol ta` kostruzzjoni li huma qed jaghmlu fuq fondi li jmissu mal-proprjeta` tar-rikorrenti. Il-Qorti hi tal-fehma li anke jekk dan jirrizulta minnu, huma ma jistghu bl-ebda mod jilledu d-dritt sagrosant ta` proprjeta` tar-rikorrenti. Jekk jaghmlu xoghol ta` kostruzzjoni fuq hwejjgu, dan ikun ta` pregudizzju ghalih. Jistghu biss jahdmu fi proprjeta` tieghu bil-kunsens inekwivoku tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa` t-talba kif dedotta fir-rikors.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------